Laqgħa tal-Kunsill Lokali Għajnsielem

MINUTI – LAQGĦAT TAL-KUNSILL

L-GĦAXAR KUNSILL

SEDUTA NRU. 23 – Il-Ħamis 30 ta' April 2026 fin-12:30 ta' wara nofsinhar.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċju tal-Kunsill Lokali nhar il-Ħamis 30 ta' April 2026 fin-12:30 ta' wara nofsinhar.

**Preżenti :**

| | |
|---|---|
| Kevin Cauchi | Sindku |
| Joseph Debono | Viċi Sindku |
| Larry Buttiġieġ | Kunsillier |
| Stephen Mercieca | Kunsillier |
| Teddy Saliba | Kunsillier |
| Lucienne Haber | Segretarju Eżekuttiv |

**23.1 Talba**

23.1.1 Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku.

**23.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

23.2.1 Inqraw il-Minuti u ġew ikkonfermati.

**23.3 Qari ta' l-ittri ta' apoloġija**

23.3.1 Ma kien hemm ittri ta' apologija.

**23.4 Komunikazzjoni mis-Sindku**

23.4.1 Is-Sindku għamel referenza għaż- żewġ Press Conferences li kellna f'April ta' mportanza u sinifikat. Dawn kienu dak tal-finazjmanet tal-proġett tal-Pjazza fejn il-Kunsill se jingħata €2.6 miljun ewro għal dan it-tisbiħ mill-Ministeru għal Għawdex kif wkoll dwar ir-reviżjoni parzjali tal-Pjan Lokali importanti fiż-żona Ta' Passi fejn issa se jkun possibli li din iż-żona tinbidel anke f'park rikrejattiv.

23.4.2 Is-Sindku rrefera wkoll għall- konsultazzjoni li kellu mal-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar (MGP) kif ukoll diskussjonijiet interni fi ħdan l-Awtorità għall-Iżvilupp Reġjonali ta' Għawdex (GRDA), ġew identifikati postijiet strateġiċi fejn jiġu installati 'bike racks' sabiex jħeġġu l-użu tar-roti u jkomplu jappoġġjaw l-aċċessibbiltà, il-konnettività, u l-użu ġenerali tal-inizjattiva. Dawn is-siti ġew inklużi biex jiżguraw distribuzzjoni aktar komprensiva u effettiva madwar il-lokalità. Dawn huma 1) Parkeġġ taħt każin Banda 2) uffiċċju Kunsill Lokali fejn l-ATM, 3) Ħamri Belveder, 4) Sant'Eliju Belveder, 5) Xatt l-Aħmar divers area, 6) Għajnsielem Learning Garden,

23.4.3 Is-Sindku għamel referenza għad-divers area fejn mpressjona ruhu bin-numru kbir ta' vannijiet li jkun hemm tad-divers. Id-diving fix-Xatt l-Ahmar hija industrija kbira u l-htiega ta' Public Toilets qeda dejjem izjed tinhass. Huwa rrefera wkoll ghall-ilmenti tal- caravan li tokkupa parkegg. Il-Kunsill qabel li ghandu jerga jressaq it-talba ta' toilets u showers taħt il-parking tad-divers mil-gdid.

23.4.3 Is-Sindku nforma lill-kunsilliera bl-istedina għal nhar is-Sibt, 2 ta' Mejju fejn ser tinfetaħ il-wirja artistika 'Inner Light' fil-lukanda 'White Knight'..

23.4.4 Il-Kunsill innota b'sodisfazzjon li n-nitrous oxide (laughing gas) ġie uffiċjalment ipprojbit għal użu rikreattiv, skont avviż legali li ġie ppubblikat riċentament.

23.4.5 Is-Sindku għamel referenza għal vandalizmu li sar f'Ta' Passi billi xeħtu bankijiet ġox-xmara u anke wheelchair. Il-cameras mpossibli jaqbdu minn kull angolu u mhux la kemm tikkontrolla kullma jiġri hemm ġew.

23.4.10 Il-Vici Sindku Joe Debono għamel referenza għall-uzu tal-grawnd barra l-ħin. Huwa talab li nagħmlu tabella 'Used at Your Own Risk' peress li Ghajnsielem FC ma jridux li jkunu responsabbli jekk jinqala xi ncident. U jekk ikun hemm xi skema ta' Fondi napplikaw biex `ħala Kunsill ngħinuhom biex jinżamm miftuħ.

23.4.11 Is-Sindku ħabbar li l-bnadar tal-World Cup jinxtraw u se jkunu lesti biex inżejnu iċ-ċentru tar-raħal tagħna għal okkażżjoni. Għajnsielem FC infurmawna li se jorganizzaw 'World Cup Village' f'Ta Passi b'kollaborazzjoni tal-PBS. Dan huwa unur għal Ghajnsielem fejn ser jixxandar xi darbtejn jew tlett darbiet minn Għajnsielem.

23.4.12 Is-Sindku għamel referenza għall-problema li għandna sabiex nġeddu il-card ta' new water għaliex l-ARPA m'aċċetatx l-art Ta' Passi bħala waħda agrikola li tikkwalifika għat-tisqija.

23.4.13 Is-Sindku Kevin Cauchi għamel referenza għal fatt li ħdejn il-Belvedere tax-Xatt l-Aħmar ' l ġewwa hemm nuqqas ta' dawl u qed issir talba sabiex nagħmlu bozza. Huwa propona li nagħmlulhom lanterna bis-solar. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

**23.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

23.5.1 Il-Kunsill qabel li għandu jibgħat l-koncern tiegħu għall-applikazzjoni tal-iżvilupp numru PA/02264/26 għal fatt li hemm potenzjalment possibilita li jinfetaħ catering establishment fuq il-monument storiku tal -Għajn tal-Ħasselin. L-oġġezzjoni tal-Kunsill Lokali ta' Għajnsielem hija bbażata fuq il-fatt li l-iżvilupp propost mhux adattat għal din iż-żona sensittiva u storika fil-qalba tal-lokalità. Il-Kunsill iqis li l-introduzzjoni ta' stabbiliment tal-ikel u x-xorb (Class 4C) ser toħloq inkonvenjent minħabba storbju, traffiku, skart u attività eċċessiva li ma taqbilx mal-karattru kwiet u ċiviku tal-post. Barra minn hekk, hemm tħassib serju dwar l-impatt fuq it-taraġ pubbliku u l-aċċess għar-residenti, kif ukoll dwar in-nuqqas ta' dettalji ċari dwar kif ser topera l-attività proposta. Il-Kunsill jemmen li dan l-iżvilupp ser jaffettwa b'mod negattiv l-amenità, il-karattru storiku u l-kwalità tal-ħajja fiż-żona.

23.5.2 Il-kunsillier Larry Buttigieg staqsa jekk għadx hemm il-ħsieb li issir ġiebja f'Ta' Passi. Is-Sindku wieġbu li mhix għalissa peress li għal ħażna tal-ilma issa ser ikun hemm dik tal-Pjazza tad-Dehra u l-ġibjun il-kbir fil -Playing Field Amabile Cauchi.

23.5.3 Il-Kunsillier Larry Buttigieg għamel referenza għall-kuntatt li qed jagħmlu mieghu rapprezentanti minn Sixmilebridge fl-Irland rigward il-proposta ta' gemellagg ma' Ghajnsielem. Huwa rrefera ghal kwestjonarju li bghatulna u mlejna u qed jistennew sabiex jikkonfermaw bil-miktub. Huwa kompla jispjega kif qed juru x-xewqa li nibdew billi nitilghu b'delegazzjoni minn taghna f'pajjizhom halli nibdew id-diskussjonijiet.

23.5.4 Il-kunsillier Stephen Mercieca ghamel referenza ghall- Stop road marking li hemm fil-Pjazza quddiem il-monument il-Bank tal-Pjazza u dwar il-fatt li huma misleading hafna. Sar qbil li ghandna niccekjaw ma' Transport Malta ha naraw x inhu ezatt l-iskop taghha.

23.5.5 Il-kunsillier Stephen MerciecaTarag biex jitnaqddaf quddiem il-grand hotel ghax mimli ghollieq biec jitnaddaf.

23.5.6 Il-kunsillier Stephen Mercieca - Tindif ta Triq Lourdes naddfuha izda hallew hafna zkuk tal-buzbiez. Naraw nistghux naqtghulu aktar. Tindfa tarag ta Lourdes.

23.5.7 Il-kunsillier Stephen Mercieca ressaq it talba dwar il-possibilita li jitnaqqas ftit mill-gnien tal-progett tal-playing field biex isir parkegg. Is-Sindku wiegbu li l-ghan ewlieni tal-Kunsill hu li naraw kif inzidu l-Open Green spaces u mhux nnaqsu biex naghmlu parkegg. Minbarra hekk hemmhekk hemm il-periklu li jsir parking spaces peress li hemm kantuniera.

23.5.8 Il-Vici Sindku Joseph Debono għamel referenza ghall-iskart li qed jithalla f'Ta' Lourdes. Sar qbil li ghandna naghmlu sign.

23.5.9 Il-Viċi Sindku Joseph Debono propona li għandna nwaħħlu signs biex jiġbru dog's waste peress li qed ikun hawn ħafna ħmieġ tal-klieb.

23.5.10 Il-Viċi Sindku Joseph Debono staqsa meta ser jitkompla x-xogħol fejn waqgħet it-triq fi Triq Wied ir-Rgħajjes. Is-Sindku wieġeb li qed nistennew lil kuntrattur jiġi. Qed nenfasizzaw li jigi jagħmel ix-xogħol kemm jista jkun malajr peress li issa rridu nagħlqu t-toroq minħabba l-attivitajiet.

23.5.11 Ġie kkuntatjat l-avukat Dr Joshua Grech sabiex jiddraftja ittra lis-sidien tal-karrijiet. Wara mbagħad irridu naraw li jekk ma jinġabrux insibu lil xi ħadd li jeħodhom għal ħadid.

23.5.12 Il-Viċi Sindku Joseph Debono staqsa wkoll x'inhu jżomm il-proġett tal- Pjazza tad-Dehra milli jitkompla. Is-Sindku wieġbu li qed naraw mal-Ministeru għal Għawdex sabiex it-tunnel li jinsab f'din l-istess triq u li ser jiġi magħqud miegħu, jittranġa wkoll issa qabel jisfronda. Pero' peress li jidher li dan ser jieħu ħafna żmien, sar qbil li għandna nistħarrġu mal-perit tal-proġett jistax jsir xi tip ta' retaining wall u naraw kif nistgħu nkomplu.

**23.6 Korrispondenza**

23.6.1 Hemm problema fuq il-bus stop 'Cordina' biswit Ta' Dirjanu Supermarket fejn se jsir żvilupp u s-sid talab li titneħħa. Il-Kunsill insista li l-Bus Stop tibqa fejn hi iżda titħarrek biss it-tabella.

23.6.2 Ġejna nfurmati mill-Għaqda Armar sabiex jinfurmawna b'wieħed mill-isbaħ proġetti li l-Għaqda qed taħdem fuqhom bħalissa. Waqt l-okkażjoni tal-iffirmar tal-ġemellaġġ ġewwa Loreto, l-Għaqda tagħna ġiet mistiedna mill-Isqof ta' Loreto biex tittella' l-istatwa tad-Dimostrazzjoni (il-Marċ tal-Ġimgħa) għal rappreżentazzjoni speċjali fl-Italja. Din l-istedina ġiet milqugħa b'mod pożittiv ħafna anke mill-Kunsill ta' Loreto. L-indikazzjoni s'issa hija li d-dimostrazzjoni ssir madwar it-8 ta' Settembru 2026. Għalkemm din id-data hija qrib ħafna tal-festa, bħala Għaqda huma kommessi li jagħmlu dak kollu possibbli biex dan l-avveniment storiku jseħħ. L- Għaqda qed jippruva jsibu finanzjament.

23.6.3 Il-Banda San Ġużepp talbet sabiex il-Kunsill ikun jista jgħin waqt Open Day li jixtiequ jorganizzaw fl-1 ta' Awwissu b'xiri ta' strumenti. Dan se jkun parti mill-iljieli sajfin.

23.6.4 Ġiet trattata t-talba mingħand Għajnsielem Football Club sabiex il-Kunsill jikkollabora fl-attivita tal-end of season tan-Nursey billi jipprovdi trofej. Il-Kunsill jirringrazzja u jgħid prosit lil Kazin tal- FC li jżomm il- ground tal-football ħafna ħin miżmum u jagħti opportunita' li t-tfal jużawh biex jilgħabu ġo fih. Il-Kunsill qabel li għandu jikkollabora bħala ringrazzjament.

23.6.5 Sar qbil li għandna nagħmlu talba lill-Ministeru għal Għawdex sabiex iwittu l-parkeġġ tax-Xatt l-Aħmar.

23.6.6 Sar qbil ukoll li għandna nagħmlu talba sabiex Triq Sant Eliju tingħata ftit torba.

## 23.7 Update dwar il-Proġetti

Saret diskussjoni dwar il-progetti pendenti u rriżulta dan li gej:-

23.7.1 Triq Ħamri

- Qed nistennew mill-kuntrattur għat-tieni saff.
-

23.7.2 Proġett ta' Bollards, pavimentar u illuminazzjoni quddiem il-każini.

- Qed jigi ippjanat sabiex ix-xogħol jinbeda qabel is-sajf
-

23.7.4 Proġett Water Catchment Pjazza tad-Dehra

- Ix-xoghol minn Road Construction waqaf sakemm jinġiegu fondi mill-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar biex tissewwa it-tunner biswit il-gibja..
- Ix-xogħol fuq it-taraġ ta Fuq il-Għajn miexi tajjeb fejn il-hardstone travertine tpoġġa u planters lesti u corten steel se jitwaħħal fil-ġranet li jmiss.

23.7.5 Proġett Playingfield Amabile Cauchi

- Ix-xogħol miexi u qed jiġi mmoniterjat mit-team ta' Project Green. Il-kamra ta' lattrina issa hija lesta.

23.7.6 Bini Arkata

- Tnaddaf il-wied u fil-ġranet li jmisss se tinbena l-istruttura sabiex jkun jista jitkekkejl u jitfassal ix-xogħol tal-ġebel.

23.7.7 Tisqifa daħla tal-Iskola u Tkabbir tat-terrazin

- L-applikazzjoni mal-Awtorita tal-lppjanar ġiet sottomoessa.
- Qed nistennew mill-Lands 'No objection'

23.7.8 Ġnien quddiem il-Kunsill

- Xogħol ta restawr tal-Monument Vittmi gwerra huwa lest. Għalissa m hemx ippjanati aktar intereventi sakemm jigi diskuss kif se jiġi ffinanzjajt il-bqija ta progett kollu u jekk hux se jkun prijorita.

23.7.9 Tisbiħ madwar il-Kappella ta' Lourdes

- Ix-xogħol mistenni jibda fil-gimgħat li jmiss u bħalissa qed nistennew is-samples tal-rħam.

## 23.8 Korsijiet Edukattivi ghas-Sajf

Sar qbil li din il-materja għandha tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss.

## 23.9 Attivita - XTerra

23.9.1 Is-Sindku Kevin Cauchi għamel referenza għal fatt li Għajnsielem fid-9 ta' Mejju se jkun qed jospita l-Kampjonat Dinji tal-XTERRA Trail Run fejn 'il fuq minn 900 atleta minn 30 pajjiż differenti se juru t-talent u d-determinazzjoni tagħhom. Il-programm jibda l-Ġimgħa, 8 ta' Mejju b'Ċerimonja tal-Ftuħ spettakolari mimlija dwal, mużika live u ikel, u jkompli s-Sibt, 9 ta' Mejju bit-tellieqa ewlenija segwita minn festi kbar b'show tal-laser mal-Knisja, DJs u filmati tal-isbaħ mumenti tal-ġurnata. Dan ċertament huwa unur għal lokalita tagħna u l-pubbliku ser ikun mistieden.

23.9.2 Din is-sena l-attivita se tkun qed issir fil-Pjazza Madonna ta' Loreto kif wkoll fit-triq ta' quddiem każin tal-Banda fejn se tkun magħluqa mill-Ħamis minħabba l-preparazzjonijiet ta' tined etc. Il-Kunsill se jkun qed jgħin logistika, tindif etċ. L-organizzaturi ser jagħtu donazzjoni ta' € 5000 lil Richmond Foundation.

## 23. 10 Iljieli Sajfin

23.10.1 Saret referenza għal programm ta' aktar minn 30 attivita' li ser jiġu organizzati mill-Kunsill tagħna, Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar u Għaqdiet tar-raħal. Il-programm qed jigi ffinalizzat biex ikun jista jitqassam fid-djar u fil–media soċjali.

23.10.2 Għal 'Echoes from the Sea' Music Festival din is-sena se jkun fuq skala iżgħar iżda xorta se jkun ta' kwalita. Is-serata ser ssir bis-sehem ta' Dcapitals flimkien mal-Kantant Ivan Grech bħala lead singer tagħhom kif wkoll sehem ta' DJ. Sar qbil li l-attivita' ssir nhar it-8 t'Awwissu u bħala bar ser jieħdu ħsiebu l-Għaqdiet tal-lokal bħas-snin preċedenti. .

23.10.3 Bħala programm li għad irid jiġi konkluż huwa dak ta' GħajnsielemFest li ser isir nhar il-2 t'Awwissu 2026.

23.10.4 Diversi attivitajiet huma suġġett għal fondi minn skemi tal-Gvern Ċentrali fosthom dawk li joħorpu mid-Direttorat tal-Gvern Lokali.

23.10.5 Sadanittant Il-Kunsill rċieva l-konferma li ser jingħata fondi mid-Direttorat tal-Kultura sabiex jigi organizzat: -

- Echoes from the sea- €7,000,
- Cocomelon Night - €2,000 u
- mir-Reġjun Għawdex għal Lejla Maltija tal-Gastronomija taħt il-Kunvent li ser tinamm nhar il-5 ta' Settembru - €5,000.

### 23.11 Materji oħra

23.11.1 Ġie deċiż li tiġi organizzata ħarġa oħra għall-anzjani fl-okkazzjoni ta' Jum l-Omm nhar l-15 ta' Mejju 2026.

23.11.2 Is-Sindku għamel referenza għal fatt li bħala Kunsill ingħaqdna mal-Kunsill Lokali tax-Xewkija u applikajna għall-skema ta' dogpark u ġnien fi Triq tal-Briegħen,

23.11.3 Għadna kemm ġejna nfurmati li l-appelli tal-iżvilupp f'Chambray mill-Bord tal-Appell tal-Awtorita' tal-Ippjanar ma ġewx milqugħa.

### 23.12 Approvazzjoni tal-Pagamenti

23.12.1 Ġiet preżentata l-iskeda tal-pagamenti numru 152. Il-pagamenti ġew approvati.

### 23.13 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

23.13.1 Il-laqgħa ntemmet fit-3:30pm u ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 28 ta' Mejju 2026 fin-12:30 ta' wara nofsinhar.

**Kevin Cauchi**
**Sindku**

**Lucienne Haber**
**Segretarju Eżekuttiv**